# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 1**

**Rikors numru 551/22/1 GM**

**Ahmad Aziz**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat u d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla li ċaħdet it-talba tiegħu sabiex tiddikjara li t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. Ahmad Aziz (rikors 421/2018) qabel jinstema' l-ġuri Ir-Repubblika ta' Malta v. Ahmad Aziz (Att ta' Akkuża numru 6/21) jikser il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq tal-attur (Art. 39 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea).

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża huma dawn:

i. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku rreġistra t-twelid tal-attur u ħareġ att ta' twelid numru 3925/2007. Fiċ-ċertifikat jingħad li l-attur twieled tas-Sliema fl-1 ta' Novembru 1983.

ii. Fl-4 ta' Mejju 2018 id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fetaħ kawża (<u>Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. Ahmad Aziz</u>, numru 421/2018) u talab lill-Qorti sabiex:

> *"1. Tiddikjara li l-intimat minn rajħ jew wara li ġie mistoqsi mill-uffiċjal kompetenti xjentement għamel dikjarazzjoni falza dwar il-partikolaritajiet meħtieġa sabiex jkun jista jsir l-Att tat-twelid Malti u dan okkorendo anke' bin-nomina ta' Perit;*
>
> *2.Illi konsegwentament tiddikjara illi l-Att tat-Twelid bin-Numru Progressiv 3925 tas-sena 2007 jinkludi informazzjoni skorretta u invertiera, stante li Ahmad Aziz iddikjara l-falz l-istess informazzjoni indikata fl-Att tat-Twelid imsemmi; u*
>
> *3.Illi tordna li l-Att tat-Twelid bin-numru Progressiv 3925 tas-sena 2007 jiġi mħassar mir-reġistri tal-Att tat-Twelid fi ħdan id-dipartiment tar-reġistru Pubbliku".*

iii. Fil-5 ta' Mejju 2018 l-attur tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u *inter alia* kien akkużat b'falsifikazzjoni ta' dokumenti u li għamel użu minnhom.

iv. Fil-15 ta' Marzu 2021 l-Avukat Ġenerali ħareġ att ta' akkuża kontra l-attur fejn *inter alia* akkużah li fit-3 ta' Mejju 2018 u fix-xhur ta' qabel f'Malta ffalsifika dokumenti u għamel użu minnhom. Fl-att tal-akkuża jingħad li huwa kkreja u ffalsifika ċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu u ċ-ċertifikat ta' żwieġ tal-ġenituri tiegħu sabiex jingħata ċ-ċittadinanza

Maltija, flimkien ma' dokumenti oħra. Jingħad li huwa ħareġ dawk iċ-ċertifikati u għamilhom jidhru awtentiċi bl-użu ta' timbri u firem foloz. Fiha jingħad ukoll li l-persuna li kienet indikata bħala omm l-attur ikkonfermat li qatt ma ġiet Malta, ma kienet taf lil ħadd bl-isem ta' Ahmed Aziz u qatt ma kienet miżżewġa lil Indad Allah li jissemma fiċ-ċertifikat ta' żwieġ li uża l-attur.

v. Fis-seduta tas-17 ta' Ġunju 2022 fil-kawża ċivili 421/2018 il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi x'iressqu.

vi. B'rikors tat-28 ta' Ġunju 2022 li ppreżenta fil-kawża ċivili, l-attur talab lill-Qorti sabiex tordna s-soprasessjoni tal-kawża ċivili sakemm tinqata' l-kawża kriminali. B'digriet mogħti fil-11 ta' Ottubru 2022 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talba wara li osservat li l-kawża kriminali hi indipendenti mill-kawża ċivili, u li kawża ċivili tiġi deċiża fuq bilanċ ta' probabbiltajiet filwaqt li f'kawża kriminali l-grad tal-prova hu iktar oneruż. Semmiet ukoll il-fatt li t-talba saret fi stadju avvanzat tal-kawża.

vii. Fis-17 ta' Ottubru 2022 l-attur fetaħ il-kawża kostituzzjonali in eżami.

viii. Fit-12 ta' Jannar 2023 ingħatat sentenza fil-kawża ċivili 421/18 li biha l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku.

ix. B'sentenza tal-31 ta' Mejju 2023 il-Qorti tal-Appell laqgħet l-appell tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bagħtet l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti. Fl-istess sentenza ċaħdet it-talba ta' Aziz biex tordna s-sospensjoni tal-kawża ċivili sakemm tinqata' l-kawża kriminali kontrih.

3. L-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

*"Ir-rikorrent għaddej proċeduri kriminali akkużat talli akkwista ċ-ċittadinanza ta' Malta b'mezzi frawdolenti u mistenni jgħaddi ġuri. Fl-istess waqt id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fetaħ proċeduri ċivili kontrih li fihom talab dikjarazzjoni li kiseb iċ-ċittadinanza b'mezzi frawdolenti bi ksur tal-Art. 263 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Fir-rikors promotur ir-rikorrent jallega li aktarx il-kawża ċivili sejra tiġi deċiża qabel ma jiġi appuntat il-ġuri u s-sentenza tkun tista' tiġi ppreżentata bħala prova kontrih. Talba tiegħu għas-soprassessjoni tal-kawża ċivili ġiet miċħuda. Jallega wkoll li huwa ta x-xhieda tiegħu fil-proċeduri ċivili filwaqt li għandu d-dritt tas-silenzju f'dawk penali.*

*Abbażi tal-fatti suesposti, r-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-prosegwiment tal-proċeduri ċivili jiksirlu d-dritt għal smigħ xieraq u għalhekk jitlob li din il-Qorti toħroġ l-ordnijiet meħtieġa inkluża s-soprassessjoni.*

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jallega li:*

*(i) qed isofri double jeopardy.*

*(ii) ma ngħata ebda twissija qabel xehed fil-proċedura ċivili, u dan hu ksur tad-dritt tiegħu għas-silenzju fil-proċedura penali.*

*Din il-Qorti tirrimarka li:*

*La d-double jeopardy u l-anqas in-nuqqas ta' twissija m'huma nklużi fil-premessi tar-rikors promotur. Dawn m'huma xejn għajr żieda ta' causae petendi ġodda f'nota ta' sottomissjonijet wara li ngħalqu l-provi. Ħaġa li mhix ammissibbli; lanqas fi proċedura straordinarja bħalma hi din il-kawża "kostituzzjonali". B'danakollu, din il-Qorti qed tieħu konjizzjoni tagħhom xorta waħda u tosserva li:*

*(i) Id-double jeopardy iseħħ meta persuna tiġi pproċessata u/jew ikkundannata għall-istess fatt darbtejn fi proċeduri kriminali. Xi sentenzi tal-Qorti ta' Strasburgu sabu li kien hemm ukoll double*

> *jeopardy f'każi fejn persuna tiġi assoġġettata kemm għal proċess kriminali kif ukoll għal proċess amministrattiv li jinvolvi l-impożizzjoni ta' penali. Imma bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li hemm double jeopardy jekk persuna tiġi assoġġettata għal proċeduri ċivili kif ukoll kriminali. Li kieku kien hekk, il-vittma ta' att kriminali ma tkunx tista' tiftaħ proċeduri ċivili għad-danni. Allaħares naslu għal din l-assurdita`.*
>
> *(ii) Mhux minnu li r-rikorrent ma ngħatax twissija qabel xehed. Fit-traskrizzjoni tax-xhieda tas-seduta tat-12 ta' Novembru 2018 quddiem l-Onorevoli Mħallef Toni Abela, hemm irreġistrat li wara li Ażiż qal lill-Qorti x'jismu, l-Imħallef wissieħ hekk:*
>
> > *"You may refuse to answer any questions that may incriminate you. Now it's up to you which questions not to answer or to answer. Now your lawyer will also guide you in this sense."*

*Il-verbal tar-Reġistratur ukoll jirreġistra din it-twissija.*[1]

*Il-Qorti tiddeplora bil-qawwa l-istqarrija falza li hemm fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, intiża biex tiżvija lil din il-Qorti u taħlilha l-ħin.*

*L-ilment ewlieni fir-rikors promotur hu li s-sentenza eventwali tista' tittieħed bħala prova kontrih. Dan l-ilment huwa kompletament bla bażi. L-akkużat m'għandu l-ebda dritt fundamentali li jagħżel ix-xhieda jew provi oħra li tista' tressaq il-prosekuzzjoni. Kull prova materjali għall-każ hija ammissibbli u tista' titressaq. Inkluża sentenza tal-Qorti ta' kompetenza ċivili. Dan apparti li dikjarazzjoni ta' falsita` f'sentenza ċivili ma ssarrafx awtomatikament fir-reat ta' falsita` in sede penali. Huwa prinċipju notorju li fl-ordinament ġuridiku Malti, illi l-proċeduri ċivili u penali huma, bħala regola, indipendenti minn xulxin. B'mod ġenerali, is-sejbin ta' ħtija fi proċeduri penali ma tfissirx bilfors ħtija fil-kamp ċivili; bil-maqlub, pronunzjament ta' Qorti f'sede ċivili ma ssarrafx bilfors fi pronunzjament ta' ħtija in sede penali. Jista' jkun hemm kundanna f'sede ċivili u liberazzjoni f'sede penali. Jekk ikun hemm sentenza finali tal-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili li ssib li r-rikorrent iffalsifika xi dokumenti, din m'għandhiex għalfejn toħloq preġudizzju f'moħħ il-ġurati, li jiġu ggwidati mill-imħallef dwar l-obbligi tagħhom bħala ġurati dwar kif jiżnu l-provi, u l-livell ta' "lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni" in sede penali li hu ferm ogħla mis-sempliċi "bilanċ ta' probabilita" in sede ċivili.*

*Billi din il-Qorti mhix sejra ssib ksur ta' jedd fundamentali, ma tistax tikkunsidra t-tieni talba, li hi biex tagħti rimedju għal tali ksur".*

---

[1] Fol. 43 fil-kawża in kwistjoni; fol. 230 fil-proċess ta' din il-kawża

4. Fir-rikors tal-appell li ppreżenta fit-12 ta' Ottubru 2023, l-attur ilmenta li l-Ewwel Qorti *"... naqset totalment li tikkunsidra d-dritt ta' silenzju ta' akkużat liema dritt huwa wieħed mid-drittijiet ewlenin inklużi fil-prinċipju ta' smigħ xieraq"*. F'dan ir-rigward għamel referenza għas-sentenzi tal-QEDB Ibrahim and Others v. The United Kingdom u Jalloh v. Germany. Kompla:

> *"Illi biex nigi lura ghall-kaz in ezami l-esponent sab ruhu f'pozizzioni fejn, filwaqt li xtaq jezercita d-dritt tas-silenzju fil-proceduri kriminali kontra tieghu, fil-proceduri civili li kienu jikkoncernaw l-istess mertu huwa kellu bilfors jaghti x-xhieda tieghu sabiex ma jippregudikax ruhu f'dawk il-proceduri civili. Wara kollox kif ikkummentat l-Ewwel Qorti "l-akkuzat m'ghandu l-ebda dritt fundamentali ghazla li x-xhieda jew provi ohra li tista' tressaq il-prosekuzzioni." Ghalhekk ladarba l-appellant sab ruhu f'pozizzioni fejn bilfors kellu jixhed fil-proceduri civili ma seta' bl-ebda mod jipprekludi lill-prosekuzzioni fi proceduri kriminali milli tesebixxi kopja ta' dik ix-xiehda moghtija minnu. Dan jista' jsehh ifisser biss koersjoni biex l-esponent jitlef id-dritt tieghu ta' silenzju kif hemm fug definit".*

5. Il-konvenuti wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

6. Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2023 kienu preżenti d-difensuri tal-partijiet u ddikjaraw li m'għandhomx x'iżidu ma' dak li jirriżulta mill-atti.

Konsiderazzjoni.

7. Fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, l-Ewwel Qorti ikkunsidrat d-dritt tas-silenzju tal-attur biex ma jinkriminax ruħu. Fil-fatt kkonkludiet li mill-atti kien jirriżulta li l-Qorti tatu twissija.

8. Il-provi juru li l-attur kien xehed fil-kawża ċivili 421/2018 fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2018. Jirriżulta:

i. Mill-verbal ta' dik is-seduta li l-proċeduri kriminali kienu diġà nbdew kontra l-attur. Inoltre, fil-verbal jingħad: *"The Court informed the witness of his right not to answer any questions that may incriminate him and he is entitled to be guided in this regards by his legal counsel"*. L-attur kien assistit minn avukat matul is-seduta.

ii. Li fit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tal-attur hemm reġistrat dak li qalet il-Qorti lill-attur; *"You may refuse to answer any questions which may incriminate you. Now it's up to you which questions not to answer or to answer. Now your lawyer will also guide you in this sense"*.

9. L-attur wieġeb għad-domandi u *inter alia* kkonferma li twieled tas-Sliema fis-sena 1983. Spjega li ommu ġiet Malta biex tgħix hawn għaliex kien jogħġobha l-pajjiż. Qal ukoll li għalkemm twieled Malta, trabba fil-Pakistan u ma kienx jaf kemm ommu damet tgħix f'Malta. Żied li għex f'Malta u l-Pakistan, għalkemm l-iktar li għex kien fil-Pakistan. Qal li għandu biss passaport wieħed, dak Malti. Ċaħad li qatt kellu passaport Amerikan. Kompla li ommu kienet tagħtu dikjarazzjoni maħruġa mill-qabla li wellditu. Peress li ma setax jivvjaġġa billi ma kellux passaport, kien ikkomunika ma' avukat u tah prokura kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-qabla.

10. L-attur ma kienx imġiegħel iwieġeb għad-domandi li sarulu mid-difensur tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. L-Ewwel Qorti għamlitilu ċara li kellu dritt li ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkriminawh u kien f'idejh x'iwieġeb u ma jweġibx. Qaltlu wkoll li kellu d-dritt li jingħata direzzjoni mill-avukat li kienet qiegħda tassistih. L-attur wieġeb għad-domandi kollha li sarulu. Ma jistax issa jilmenta li kien leż il-jedd fundamentali li jibqa' sieket.

11. L-attur qiegħed isostni li bilfors li kellu jixhed sabiex ma jippreġudikax ruħu fil-kawża ċivili. Fl-ewwel lok l-attur xehed fuq talba tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku. L-Ewwel Qorti ħallietu fil-libertà dwar liema domandi jwieġeb. Mill-atti hu evidenti li ma saritx pressjoni fuqu biex iwieġeb għal xi domandi. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-attur milli f'dak l-istadju jibqa' sieket u jistenna sakemm id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jressaq il-provi kollha tiegħu qabel jieħu deċiżjoni dwar kellux jixhed. F'kull każ id-dritt ta' akkużat fi proċeduri kriminali li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruħu ma jfissirx li għandu wkoll id-dritt li jwaqqaf proċeduri ċivili sakemm ikun konvenjenti għalih biex jixhed.

12. *Inoltre*, għalkemm fir-rikors tal-appell l-attur qal li *"... huwa kellu bilfors jagħti x-xhieda tiegħu sabiex ma jippreġudikax ruħu f'dawk il-proċeduri ċivili"*, ma spjegax kif kien ser ikun preġudikat kieku għażel li ma jweġibx. Wara kollox il-prova li l-attur għamel dikjarazzjoni falza lid-

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-finijiet tal-ewwel talba kellha ssir minnu u mhux mill-attur Aziz, li qiegħed jiċħad li għamel dikjarazzjoni falza.

13. F'kull każ jekk fil-kawża kriminali l-Avukat Ġenerali tippreżenta kopja tat-traskrizzjoni tad-depożizzjoni li ta fil-kawża ċivili 421/2018, m'hemm xejn x'iżomm lill-attur milli joġġezzjona għall-preżentata ta' dak id-dokument. Imbagħad hi l-Qorti Kriminali li trid tiddeċiedi jekk hijiex ammissibbli bħala prova, u hekk tiċħad l-oġġezzjoni u tiddeċiedi jekk għandhiex tagħti direzzjoni lill-ġurati. Il-Qorti żgur li mhux ser toqgħod tispekula fl-astratt.

14. Fl-aħħarnett l-estratti minn sentenzi tal-QEDB li l-attur għamel referenza għalihom fir-rikors tal-appell m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kawża in eżami. Dak li ntqal mill-QEDB jirreferi għall-provi li jkunu ttieħdu bi sfurzar u oppressjoni, li żgur mhuwiex il-każ in eżami. Inoltre, il-każ ta' Jalloh v. Germany kien dwar l-għoti ta' sustanza biex tinġabar evidenza, li kien sar reat relatat ma' droga, filwaqt li l-każ Ibrahim and Others v. The United Kingdom kien dwar intervisti li saru lis-suspettati u l-użu bħala prova f'proċeduri kriminali ta' stqarrijiet li jittieħdu mingħajr l-assistenza ta' avukat.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell tal-attur bl-ispejjeż kollha kontrih.

Peress li tqis li l-appell hu fieragħ, tordna li l-attur iħallas spejjeż addizzjonali lir-Reġistratur fl-ammont ta' elf ewro (€1,000) skont il-paragrafu 10 tat-Tariffa A tal-Kap. 12.

Tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat kopja tas-sentenza lill-Qorti Kriminali li quddiemha pendenti l-każ Ir-Repubblika ta' Malta v. Ahmad Aziz (att ta' akkuża numru: 6/2021) u sabiex jieħu ħsieb jiġbor l-ispejjeż addizzjonali dovuti mill-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da